MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## VALENZIA GEOFFREY

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 527/2001/1

**Joseph u Angela konjugi Camilleri**

**vs**

**Heleno Zammit**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-**att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi l-konvenut huwa vera cert u likwidu debitur a favur tal-atturi fis-somma ta' erbat elef lira (Lm4,000) rappresentanti ammont ekwivalenti ta' flus li kienu gew mislufa lilu skond ma kif jirrizulta minn skrittura privata datata 22 ta' Awissu, 1997 hawn anness markat Dok. A;

Premess illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-artikoli 167-170 Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li d-dejn huwa wiehed cert, likwidu u dovut u l-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti kontra t-talba ghal hlas tal-istess dejn u l-atturi qed jannettu ma dan l-att affidavit skond l-artikoli msemmija Dok. B;

Premess illi l-konvenut kien interpellat inutilment biex ihallas dan id-dejn inkluz permezz ta' ittra ufficjali datata 31 ta' Awissu, 2000;

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddecidi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza skond l-artikoli 167 - 170 Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' Lm4,000 minnu dovuta skond kif spjegat hawn fuq;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' ittra ufficjali datata 31 ta' Awissu, 2000 u ta' mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment ma dan l-att u bl-interessi skond il-ligi dekorribbli mid-data tal-fuq imsemmija ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv ghas-saldu kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi a fol. 3 tal-process;

Illi l-Qorti kienet awtorizzat lill-konvenut jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet (ara fol. 12);

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet** tal-konvenut a fol. 13 tal-process fejn eccepixxa:

1. Preliminarjament ghandha tigi kjamata fil-kawza l-mara tal-konvenut, stante li fl-interpellazzjoni ghal hlas, permezz tal-ittra ufficjali datata 31 ta' Awissu, 2000 hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A, hemm indikata l-mara tal-eccepjent u cioe' Sylvia Zammit;

2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont reklamat mhux dovut stante li l-eccepjent kien jaghti l-pagament lill-martu sabiex din tghaddihom lill-atturi li jigu l-genituri taghha;

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat is-sentenza preliminari taghha a fol. 26 et seq fejn cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-ewwel eccezzjoni tal-konvenut ghall kjamat fil-kawza ta' Sylvia Zammit kienet giet michuda bis-sentenza a fol. 26.

Kwantu ghat-tieni eccezzjoni fejn il-konvenut qed isostni li l-ammont reklamat mhux dovut stante li hu kien jaghti l-pagamenti lill-martu sabiex din tghaddihom lill-atturi li jigu l-genituri taghha rrizulta mix-xhieda ta' l-istess konvenut li hu ma hallasx dawn il Lm4,000 ghax skond hu l-attrici ma ridithomx.

Fil-kors tal-kawza l-konvenut kien talab li kien ser jipprezenta eccezzjoni ulterjuri (ara fol. 39) u ghalkemm dina t-talba kienet giet milqugha mill-Qorti hu ma kienx formalment ipprezenta eccezzjoni ulterjuri. Il-konvenut qed jippretendi li fir-rigward tal-kambjali esebiti (ara fol. 41) l-ammont mhux dovut mill-konvenut, se mai nofshom biss, billi Sylvia Zammit kienet iffirmat ukoll il-kambjali.

Kwantu ghall dina s-sottomissjoni tal-konvenut, il-Qorti tirrileva li l-attrici qed titlob l-Lm4,000 minghand il-konvenut a bazi ta' l-iskrittura a fol. 4 u mhux a bazi tal-kambjali a fol. 41. Dawn kienu dovuti lill terz kreditur u m'ghandhomx x'jaqsmu ma dina l-kawza.

Il-kawza hija ghall Lm4,000 li l-konvenut kien issellef minghand l-attrici biex jixtri karozza. Hu biss kien iffirma l-iskrittura, u kien hu li ghamel dana d-dejn li skond l-istess konvenut ghadu ma giex imhallas.

Il-konvenut qed isostni li l-attrici kien qalet lill ex martu li hi ma riditx dawn il-flus lura, izda dan id-diskors gie michud kemm mill attrici kif ukoll minn Sylvia Zammit. Il-konvenut ma kienx prezenti meta suppost intqal dana d-diskors. Rinunzja trid tkun cara u univoka u f'dana l-kaz l-attrici kienet insistiet ghall pagament u anke baghtitlu ittra ufficjali biex ihallas izda hu baqa' ma hallasx.

Kwantu ghas-sottomissjoni l-ohra tal-konvenut li l-flus huma dovuti ukoll minn Sylvia Zammit ex martu, l-Qorti kienet diga esprimiet ruhha fuq dana l-punt meta kienet cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut ghall kjamat fil-kawza ta' Sylvia Zammit (ara fol. 28) billi dan id-dejn hu regolat bil-kuntratt ta' separazzjoni a fol. 20. Id-dejn kien ghamlu l-konvenut u l-karozza bid-dejn fuqha kien sehem il-konvenut. Irrizulta li sussegwentement, wara l-kuntratt ta' separazzjoni, li l-konvenut kien biegh il-karozza ghax kellu bzonn il-flus, u r-rikavat kien hadu hu u mhux Sylvia Zammit.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi billi
tilqa' t-talba ta' l-attrici,
u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' erbat elef lira Maltin (Lm4,000),
bl-imghax kif mitluba u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

Kopja Informali ta' Sentenza

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**